Minuti tal-Laqgħa Nru. 18 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 15 ta' Marzu 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
5. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Numru 16, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

1.2 Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Ralph Mangion.

1.3

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

### Traffic Management

2.1 Paġna Nru: 2 para 1.3 – *Traffic Management fi Triq Luqa Briffa* ħdejn *Muscat Motors*

Minħabba l-fatt li Triq Luqa Briffa hi dejqa b'karreġġata waħda t-*two-way system* kienet perikoluża apparti li jinħoloq *bottleneck* fl-istess triq. Għalhekk saret talba biex din it-triq minn *two way* issir *one way*.

Matul id-diskussjoni li saret fejn il-membri preżenti ressqu l-opinjonijiet u s-suġġerimenti tagħhom, ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa aktar l'quddiem.

2.2 Paġna Nru: 3 para 3.6 – Triq Edgar Bernard – Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ittra lir-residenti dwar il-*herring bone parking* kienet intbagħtet u sa dak in-nhar tal-laqgħa, l-Kunsill kien irċieva lment wieħed biss.

Għaldaqstant, ġie deċiż unanimament li l-korrispodenza u l-pjanta relatata mas-suġġett sopracitat, għandhom jintbagħtu lit-*Transport Malta* għall-approvazzjoni.

## 3.0 KORRISPONDENZA

### Bye Law fuq Kostruzzjoni

3.1 Iċ-*Chairman* qal li minħabba l-fatt li kien qed isir ħafna żvilupp fil-lokalita' kien ta' l-opinjoni li jinħolqu regoli, sistemi u *bye-law* dwar il-kostruzzjoni. Huwa kompla jgħid li għal dan l-eżerċizzju xtaq jinvolvi l-*stake holders* kollha li huma relatati ma' dan is-suġġett li kienu l-*B.R.O., OHSA., MEPA, Wardens* u l-*BICC*.

Il-Kunsillier Wayne Hewitt qal li l-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mal-*BICC* (*Building Industry Consultative Council*) – Perit Charles Buhagiar biex ningħataw linji ta' gwida dwar din il-materja.

Il-Kunsill qabel unanimament kemm ma' l-opinjoni taċ-*Chairman* kif ukoll mal-Kunsillier hawn fuq msemmi.

**Daycentre**

3.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li fid-9 ta' Marzu 2016 kienet saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill ma' l-Assistent Direttur tad-Dipartiment ta' l-Anzjani (MFSS), s-Sur Silvio Camilleri, s-Sna. Cynthia Formosa, *Senior Manager* u s-Sur Carl Grech *Officer*, ta' l-*Active Ageing Centres* minħabba l-fatt li kien hemm xi diżgwid dwar ċerti affarijiet.

Matul il-laqgħa, s-Sur Camilleri nforma li l-*helpers* ma kienux ser jattendu iżjed u għalhekk il-post ser ikun f'idejn il-Kunsill Lokali. Huwa kompla jgħid li kemm l-imwejjed, il-pultruni u s-siġġijiet kif ukoll xi affarijiet oħra ma kienux ser jittieħdu lura. Huwa qal ukoll, li jekk kemm –il darba l-Kunsill ikollu bżonn ta' kelliema fuq suġġetti varji, d-Dipartiment huwa lest li jibgħathom mingħajr ħlas iżda l-*utilities* iridu jitħallsu mill-Kunsill Lokali.

Matul id-diskussjoni li saret, il-membri preżenti qablu li dan il-post jibda jissejjaħ Ċentru Għall-Komunita' biex b'hekk ikun jista' jintuża għall-aktar attivitajiet li jikkonċernaw lill-Kunsill.

Għalhekk, iċ-*Chairman* talab lill-Kunsillieri biex iressqu l-opinjonijiet tagħhom fil-laqgħa li jmiss.

**Ħaddiema tal-Kunsill**

3.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu waslu diversi applikazzjonijiet għall-post vakanti ta' skrivani fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

Iċ-*Chairman* qal li kienu diġa' ntervistaw lil Cathleen Diacono l-unika applikant (*Internal*) li bħalissa hi mpjegata mal-Kunsilli Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Mill-intervista tqajjem dubju fuq l-*availability* tagħha biex tkun tista taħdem *full-time* minħabba l-fatt li għandha tifla ta' sentejn u m'għandiex minn jindukraha sakemm tkun fuq il-post tax-xogħol. Huwa kompla jgħid, li t-tali kellha tibgħat l-iskeda tal-ħinijiet tagħha lis-Sur Fabian Borg.

Il-Kunsillier Wayne Hewitt qal li fl-opinjoni tiegħu la hemm diversi applikazzjonijiet ikun aħjar jekk isiru aktar *interviews* biex ma nilimitawx ruħna għall-persuna waħda biss.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsillieri Neville Chetcuti u Wayne Hewitt ikunu preżenti għall-*interviews* li kienu proposti għat-Tnejn 21 ta' Marzu 2016, fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Jum il-Gżira u Manoel Island**

3.4 Iċ-*Chairman* informa li peress li l-15 ta' Mejju huwa Jum il-Gżira kien bagħat *e-mail* lil-*MIDI* biex il-Kunsill ikun jista' jorganizza *event* fil-Forti Manoel li kien jinkludi fost affarijiet oħra esebizzjoni dwar il-lokalita', *wine tasting*, kunċert

organizzat mill-banda u quddiesa fil-kappella pero' din it-talba ma ġietx milqugħa.

Iċ-*Chairman* qal li jħossu urtat bil-kommunikazzjoni tal-*MIDI* li wriet biċ-ċar nuqqas ta' koperazzjoni u rieda tajba mal-Kunsill Lokali u għalhekk kien lest li jieħu l-miżuri u l-mezzi neċessarji sabiex *Manoel Island* partikularment l-*foreshore* tagħha jkun aċċessibbli għall-pubbliku.

**Laqgħa ma Dr. Buontempo**

3.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li fit-3 ta' Marzu 2016 fis-2.30 p.m. kienet saret laqgħa mas-Sur George Azzopardi, *Head of Secretariat* tas-Segretarju Parlamentari l-Onor S. Buontempo flimkien mas-Sur Michael Cohen (*Advisor* tas-Secretarjat), li għaliha kienu attendew is-Sindku, l-Kunsillier Joe Galea u l-Advisor tal-Kunsill, Fabian Borg.

Matul din il-laqgħa ġie diskuss:

- Devoluzzjoni tal-parkeġġ fi Triq Reggie Miller
- Devoluzzjoni tad-Dar ta' l-Anzjani fi Triq ix-Xatt
- Is-Servizz tal-knis u kif il-Kunsill għandu jgħaddi mal-*Public Cleansing Department*
- Żieda fis-salarju ta' Fabian Borg li tirrifletti r-rwol u x-xogħol li qed jagħmel bħala *Advisor* tal-Kunsill
- L-ingaġġ ta' Marion Monaco

3.6 Iċ-*Chairman* qal li kien bagħat *e-mail* fejn ġie spjegat l-intenzjoni tad-devoluzzjoni u l-użu propost lil Prim Ministru u dan ta' l-aħħar kien ser ikellmu dwarhom.

**Ġnien tax-Xatt u l-Front**

3.7 Il-Kunsillier Ralph Mangion xtaq ikun jaf jekk jistax isir *embellishment* fix-Xatt

*Iċ-Chairman* qal li l-monument ta' Albert Rizzo kien ser jiġi nstallat fix-Xatt u ssuġġerixxa li għandu jitranġa partikularment fejn hemm il-gazebo u l-monumenti.

Matul id-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra ntqal li:

I. *In-naħa tal-baħar ta' tas-Sliema l-M.T.A. kienu nstallaw single sidedbenches ġodda faċċata tal-baħar*. - Iċ-Chairman qal, li l-Kunsill kien ser ikellem lill-M.T.A. biex jiġu nstallati bankijiet double sided u jsir qbil fuq id-differenza.

II. *X' jista' jsir aktar minn naħa ta' l-E.L.C. biex insebbħu l-ġnien* - Rigward il-ġnien, għandu jsir kuntatt ma' l-E.L.C. dwar il-materja hawn fuq msemmija.

Is-Sindku semma li huwa se jkun qed jiċċekkja ma Transport Malta biex mill-aktar fiss possibli jkollu risposta l-Kunsill fuq meta se jinbeda x-xogħol. Huwa qal jekk dan ix-xogħol huwa fil-bogħod jinħareġ it-tender b' urġenza biex kemm jista jkun dan il-proġett jitlesta sa qabel Jum il-Gżira. Il-Kunsilliera preżenti qablu.

**Items oħra**

3.8 Il-Kunsillier Jeremy Cardona xtaq ikun jaf jekk:

I. l-Kunsill kellux *health insurance* - Fir-rigward tal-*health insurance*, il-Kunsill huwa inxurjat mad-ditta *M.I.B.* però, l-*health insurance* kemm tal-Kunsillieri u l-Uffiċjali tal-Kunsill għandhom *health insurance* li tieħu ħsieba l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali.

II. Għaliex it-trasport pubbliku li kien jgħaddi minn ħdejn il-Policlinic m'għadux fis-seħħ. - Il-Kunsill informa li din ir-rotta ma ġietx inkluża minn meta tbidlu r-rotot il-ġodda.

**Railing fejn Zammit Clapp**

3.9 Iċ-*Chairman* ressaq kwotazzjoni ta' *handrail* li l-ammont tagħha kien ta' €645.00 mibgħuta mis-Sur John Baldacchino biex tiġi nstallata fi Triq Reggie Miller fejn hemm it-taraġ li jagħti għall-*Zammit Clapp Residence* minħabba l-fatt li dan kien perikoluż speċjalment għall-Anzjani li jagħmlu użu minnu.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li għandhom jinġiebu żewġ kwotazzjonijiet oħra.

**Pparkjar u traffic management**

3.10 Rigward il-kwestjoni tal-kunfużjoni li tinqala fit-triq tal-Knisja waqt il-funerali, ġie deċiż li nkellmu lill-Kappillan biex ikun hemm aktar koperazzjoni.

3.11 Iċ-*Chairman* informa li kien ser isir *survey* mill-Kunsill dwar il-*un/loading* u r-*reserved parkings* fil-lokalita'.

**4.0 APPROVAZZJONI TA' SKEDA TA' ĦLASIJIET**

4.1 Tressqet l-iskeda tal-ħlasijiet Klg7/14 minn numru 414 sa 449 (*appendix* nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopraċitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Neville Chetcuti.

**5.0 AĠĠORNAMENT**

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.15 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 04 t'April 2016.

Konfermati llum _______________________ 2016.

_____________________
Conrad Borg Manché
Sindku

___________________
Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv